MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 56/2003

**Rita Ellis u uliedha Dr Joseph, Tonio u Dr Natalina Gatt Ellis**

**vs**

**Raymond u Filomena konjugi Buhagiar**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“L-atturi krew lill-konvenuti l-appartament numru tlieta (3), “Rima Court”, Triq in-Nahla, Marsalforn bil-kera annwa ta’ seba’ mitt lira (Lm700) pagabbli bil-quddiem fl-ewwel (1) ta’ Settembru ta’ kull sena. Minkejja li gew interpellati diversi drabi, il-konvenuti naqsu illi jhallsu l-iskadenzi dovuti fl-1 ta’ Settembru 2001 u fl-1 ta’ Settembru 2002. Ghalhekk, is-somma ta’ elf u erba’ mitt lira hija dovuta (Lm 1,400) u kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittri interpellatorji tal-5 ta’ Frar 2003 u tas-16 t’April 2003.”

Ra r-riferta posittiva imnejn jirrizulta li l-konvenuti gew debitament notifikati fl-24 ta’ Mejju 2003 izda minkejja d-dekorrenza tat-terminu preskritt la pprezentaw risposta u lanqas deheru ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal wara d-dekorrenza tat-terminu moghti ghar-risposta u cioe’ dawk ta’ nhar il-Gimgha, 13 ta’ Gunju 2003 u dik tal-lum;

Sema’ d-deposizzjoni guramentata ta’ Dr. Joseph Ellis li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ LM1,400 bl-imghax legali sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-5 ta’ Frar 2003 u tas-16 t’April 2003 a kariku tal-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------